Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 230 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Ivan Caruana

Illum 14 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ivan Caruana detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 244563 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Dicembru 2016, fil-Gzejjer Maltin:

1. Naqas li jaghti lil Marion Caruana, s-somma ta' 800 Euro, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 t' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Ivan Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. A. Vella tal-24 ta' April 2017 billi, filwaqt li tikkonferma l-htija ta' l-appellant, tirriformaha u tvarjha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsistu fis-segwenti:

Aggravju

Illi l-aggravju ta' l-esponenti huwa fuq il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan fis-sens li mghaduda c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kellha tinghata piena anqas gravuza fil-konfront ta' l-esponenti.

L-Aggraviu – Piena

Illi preliminarjament, l-esponenti jirrikonoxxi li ghandu obbligu li jhallas manteniment u kien proprju ghalhekk li meta l-partijiet dehru ghas-seduta ta' l-24 ta' April 2017, l-esponenti mill-ewwel ammetta l-akkuza dedotta kontrih.

Illi ghalkemm l-esponenti jixtieq jlahhaq mal-obbligu tal-manteniment, ir-raguni ghaliex hu ma setax ilahhaq ma' dan l-obbligu ma kienx wiehed kapriccuz. Id-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Famiija) jimponi fuq l-esponenti l-obbligu li jhallas tmien mitt Ewro (€800) fix-xahar lill-martu ghaliha personalment u ghal uliedhom. Kien proprju ghaliex l-esponenti kien f' posizzjoni finanzjarja tajba li l-esponenti gie ordnat ihallas is-somma hekk ordnata. Sfortunatament izda n-negozju ta' l-esponenti effettivament falla u ghalhekk, l-ammont dovut kull xahar ma ghadux jirrifletti l-kapacità u l-mezzi ta' l-esponenti.

Illi l-parte civile hi konxja ta' dawn ic-cirkostanzi u l-fatt li l-esponenti m' huwiex f' posizzjoni li jlahhaq ma' l-obbligu tal-manteniment izda baqghet dejjem tinsisti fuq hlas.

Illi l--esponenti tqieghed f' posizzjoni fejn kellu jissellef minghand qrabatu biex ilahhaq mal-manteniment.

Illi bil-piena erogata ser jibda cirku vizzjuz fejn aktar minn qatt qabel, l-esponenti m' huwiex ser ikun f' posizzjoni li jlahhaq mal-obbilgu tal-manteniment minhabba perjodi ta' detenzjoni.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti tosserva illi s-sentenza dattilografata ma hijiex l-istess bhall dik miktuba di propio pugnio mill-gudikant u wkoll ma hijiex l-istess bhall dik li tirrizulta li giet irregistrata fil-verbal. Illi fis-sentenza dattilografata jidher illi hemm kontradizzjoni billi l-ewwel Qorti ma sabitx htija izda mbghad ghaddiet ghal-kundanna. Illi jidher illi x'aktarx din kienet *lapsus calami*. Madankollu din il-Qorti issa hija rinfaccjata

b'dan l-istat ta' fatt li jwassal sabiex is-sentenza ma hijiex konformi mal-ligi u ghalhekk bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tannulla d-decizjoni tal-Ewwel Qorti u ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz fil-mertu.

Illi llum seduta stante l-appellant hallas il-mateniment dovut u ghalhekk, ghalkemm l-akkuza tirrizulta ippruvata anke in vista' tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti ser tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni meta tigi biex tikkalibra l-piena.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-appellant hati izda ghar-ragunijiet imsemmija wara illi rat l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima
Imhallef